



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13424/20

FSTR 181	RECH 475
FC 89	JAI 1031
REGIO 273	ENER 454
PECHE 392	MI 527
CADREFIN 407	MAR 154
POLGEN 211	COMPET 600
ECOFIN 1103	AGRI 445
ENV 750	SUSTDEV 172
TRANS 549	PROCED 31

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: ST 13075/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali tal-UE, kif approvati mill-Kunsill fit-2 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

- (1) JILQA' t-tielet rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE ppreżentat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2020¹ u, fuq din il-bażi:
- a) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2019 dwar it-tieni rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE tad-29 ta' Jannar 2019², il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali tat-22 ta' Ottubru 2013³ kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill preċedenti dwar l-erba' strateġiji makroreġjonali tal-UE⁴, li huma l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR)⁵, l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR)⁶, l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (EUSAIR)⁷ u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Alpi (EUSALP)⁸;
 - b) JIRRIKONOXXI s-sejbiet tar-rapport tal-Kummissjoni u l-kisbiet tal-pajjiżi/reġjuni parteċipanti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, b'mod partikolari r-reviżjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-EUSBSR u għall-EUSDR, il-progress inkoraġġanti li sar fil-proċess ta' integrazzjoni tal-prijoritajiet tal-istrateġiji makroreġjonali fil-programmi ta' finanzjament tal-UE għall-2021-2027, l-adozzjoni tal-Manifest tal-EUSALP għal Reġjun tal-Alpi sostenibbli u reżiljenti, l-organizzazzjoni tal-ewwel ġimgħa tal-istrateġiji makroreġjonali fi Brussell u l-fatt li r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq nqas għadet mal-EUSAIR;

¹ Dok. 11364/20 + ADD 1.

² Dok. 9895/19.

³ Dok. 14926/13 + ADD 1.

⁴ Dok. 8461/17.

⁵ Dok. 13744/09.

⁶ Dok. 8388/11 + ADD 1 REV 1.

⁷ Dok. 13503/14.

⁸ Dok. 14613/15.

- c) JAGĦRAF, sabiex l-istrateġiji makroreġjonali jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, għall-irkupru tal-Ewropa mill-pandemija tal-COVID-19 u għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-UE, il-ħtieġa li jintuża l-momentum għal azzjonijiet aktar ambizzjużi (2) għall-finanzjament, (3) il-governanza, (4) ir-reżiljenza post-pandemika u l-aspetti ta' rkupru tal-istrateġiji makroreġjonali u (5) għar-relazzjonijiet u l-integrazzjoni tal-viċinat tal-UE;
- (2) JENFASIZZA l-urġenza li l-prijoritajiet tal-istrateġiji makroreġjonali jiġu integrati aktar fil-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE għall-2021-2027 u, għal dak il-għan:
- a) JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa għall-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji eżistenti, użu aħjar tal-istituzzjonijiet eżistenti, implimentazzjoni aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti; abbażi tal-prinċipju "ebda leġislazzjoni ġdida tal-UE, ebda istituzzjoni ġdida tal-UE u ebda fond ġdid tal-UE";
 - b) JAPPREZZA l-isforzi li għaddejjin biex il-programmi ta' finanzjament nazzjonali/reġjonali rilevanti tal-UE għall-2021-2027 taħt ġestjoni kondiviża jiġu allinjati mal-prijoritajiet u l-oġettivi rilevanti tal-istrateġiji makroreġjonali; JAPPELLA lill-implimentaturi u lill-awtoritajiet ewlenin tal-istrateġiji makroreġjonali responsabbli għall-programmi ta' finanzjament nazzjonali/reġjonali tal-UE għall-2021-2027 taħt ġestjoni kondiviża biex ikomplu dawn l-isforzi fuq il-bażi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali rispettivi qabel ma jiġu ffinalizzati d-dokumenti ta' programmazzjoni;
 - c) JAPPELLA lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti kollha, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u mill-aktar fis possibbli, biex jistabbilixxu networks ta' awtoritajiet (ta' ġestjoni) tal-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE għall-2021-2027 (Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, FAEŻR, FEMS, IPA, NDICI); JAPPELLA lil dawn l-awtoritajiet (ta' ġestjoni) biex jieħdu sehem attiv f'networks bħal dawn sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni koordinata tal-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali u l-proġetti magħżula mill-istrateġiji makroreġjonali, fil-makroreġjun kollu, fil-programmi rispettivi tagħhom;
 - d) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiffaċilita dan il-proċess ta' integrazzjoni matul il-perijodu kollu ta' programmazzjoni u ta' finanzjament;

- e) JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex jivvalutaw b'mod konġunt, sal-2022, l-eżiti tal-proċess ta' integrazzjoni fil-programmi ta' finanzjament nazzjonali/reġjonali rilevanti tal-UE għall-2021-2027 u jirriflettu r-risultati ta' din il-valutazzjoni fir-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali;
 - f) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-integrazzjoni tal-prijoritajiet tal-istrategġija makroreġjonali fil-programmi nazzjonali u reġjonali rilevanti tal-IPA u l-NDICI li huma ġestiti direttament jew indirettament mill-Kummissjoni fil-pajjiżi/reġjuni parteċipanti mhux tal-UE;
 - g) JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex jippromwovu l-parteċipazzjoni ta' promoturi ta' proġetti fi programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE ġestiti direttament u indirettament mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan:
 - i. JAPPELLA lill-implimentaturi ewlenin tal-istrategġija makroreġjonali biex jorganizzaw, sa tmiem l-2021, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, sessjonijiet ta' ħidma għall-promoturi tal-proġetti sabiex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fis-sejħiet għal proġetti fi ħdan il-programmi rilevanti ġestiti direttament u indirettament,
 - ii. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħtar punti ta' kuntatt għall-istrategġija makroreġjonali fis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli mill-programmi ġestiti direttament rilevanti ,
 - iii. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex jirrevedu u jimplimentaw aktar miżuri biex isaħħu l-allinjament tal-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE għall-2021-2027 ġestiti direttament u indirettament, filwaqt li jirrispettaw l-oġettivi u l-integrità ta' tali programmi, mal-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Azzjoni u l-proġetti magħżulin tal-istrategġija makroreġjonali, b'attenzjoni speċjali għall-oqsma elenkati fit-taqsimha (4), u biex jipprovdu rendikont ta' dawn il-miżuri fir-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġija makroreġjonali;
- (3) JISSOTTOLINJA l-importanza tal-bini tal-kapaċità, u governanza ċara u orjentata lejn ir-risultati tal-istrategġija makroreġjonali u, f'dak il-kuntest, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli taqdi rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-Istrategġija Makroreġjonali u JAPPELLA lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex:

- a) jottimizzaw l-aspetti ta' governanza skont l-aħjar prattiki fl-istrategġiji makroreġjonali kollha kif xieraq għall-kuntest ġeografiku u istituzzjonali ta' kull makroreġjun u l-pajjiżi/reġjuni parteċipanti;
 - b) jiżguraw l-involvement effettiv tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali/reġjonali/lokali, taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili, inkluż iż-żgħażaġh, fl-implimentazzjoni tal-istrategġiji makroreġjonali;
 - c) jiżguraw li l-implimentaturi ewlenin tal-istrategġiji makroreġjonali jingħataw is-setgħat meħtieġa u jingħataw mandat ċar biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod kontinwu;
 - d) jistabbilixxu u jkomplu ordni fiss b'rotazzjoni ta' presidenzi għall-istrategġiji makroreġjonali sabiex jissaħħu l-prevedibbiltà u s-sjieda;
 - e) isaħħu l-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-istrategġiji makroreġjonali billi jistabbilixxu u jkomplu format ta' triju ta' presidenzi konsekuttivi (predeċessur/fil-kariga/suċċessur) għal kull strategġija makroreġjonali;
 - f) isaħħu l-governanza tal-istrategġiji makroreġjonali permezz ta' laqgħat ministerjali regolari, pereżempju fil-kuntest tal-Fora Annwali tal-istrategġiji makroreġjonali, kif xieraq;
 - g) itejbu l-koordinazzjoni, l-iskambju tal-esperjenza u t-trasferiment tal-aħjar prattiki bejn l-istrategġiji makroreġjonali permezz ta' kooperazzjoni kontinwa bejn il-presidenzi ta' triju tal-istrategġiji makroreġjonali;
 - h) jiżguraw funzjonament stabbli tal-istrutturi ta' appoġġ u koordinazzjoni tal-governanza tal-istrategġiji makroreġjonali matul il-perijodu kollu tal-programm 2021-2027 speċjalment permezz tal-programm ta' Kooperazzjoni Transnazzjonali Interreg rilevanti li jkopri t-territorju rispettiv tal-istrategġija makroreġjonali;
 - i) iżidu l-viżibbiltà tar-riżultati miksuba mill-istrategġiji makroreġjonali permezz ta' komunikazzjoni strateġika;
- (4) IQIS li l-kriżi tal-COVID-19 hi sfida kruċjali għall-kooperazzjoni fil-makroreġjuni, JAGĦRAF ir-rwol tal-istrategġiji makroreġjonali fl-implimentazzjoni territorjali tar-reżiljenza u l-irkupru ta' wara l-pandemija u b'hekk

- a) JAPPELLA lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex jikkontribwixxu għar-reżiljenza u l-irkupru tal-makroreġjuni billi temporanjament jaċċelleraw azzjonijiet xierqa bbażati fuq il-Pjanijiet ta' Azzjoni rispettivi tal-istrateġiji makroreġjonali sal-2023;
 - b) JAPPELLA lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex b'mod partikolari jaċċelleraw l-azzjonijiet mill-Pjanijiet ta' Azzjoni li huma konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁹ fil-makroreġjuni kollha;
 - c) JAPPELLA lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex b'mod partikolari jaċċelleraw l-azzjonijiet mill-Pjanijiet ta' Azzjoni relatati mad-diġitalizzazzjoni f'konformità mal-Istrateġija Diġitali tal-UE¹⁰ fil-makroreġjuni kollha;
 - d) JAPPELLA lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti biex ikomplu jadattaw l-attivitajiet tagħhom marbutin mal-istrateġiji makroreġjonali għall-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 kif xieraq;
 - e) JAPPELLA lill-pajjiżi /reġjuni parteċipanti biex iqisu l-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali 2030 fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali;
- (5) JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-istrateġiji makroreġjonali għall-Politiki Ewropej tat-Tkabbir u tal-Viċinat kif ukoll għar-relazzjonijiet transkonfinali ma' pajjiżi/reġjuni parteċipanti li mhumieq fl-UE u, filwaqt li jfakkar fis-sjeda tal-istrateġiji makroreġjonali mill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti kollha:
- a) JAPPELLA lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti u lill-Kummissjoni biex isaħħu s-sinerġiji bejn l-istrateġiji makroreġjonali rilevanti u l-proċess ta' tkabbir tal-UE fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent;
 - b) JIRRIKONOXXI r-rwol kontribwenti tal-istrateġiji makroreġjonali fit-tixrid tal-politiki u l-valuri tal-UE fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Viċinat tal-UE;
 - c) JAPPREZZA l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-EUSALP bħala parti integrali mill-makroreġjun tal-Alpi u kontribut għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera u f'dan il-kuntest JISTIENEN lill-Konfederazzjoni Żvizzera biex tkompli l-involviment tagħha fl-EUSALP fil-livelli kollha;

⁹ Dok. 15051/19 + ADD 1.

¹⁰ Dok. 6237/20.

- d) JISTIEDEN lill-pajjiżi/reġjuni parteċipanti jesploraw b'mod attiv is-sinerġiji, jinkoraġġixxu l-komplementarjetajiet u jevitaw id-duplikazzjoni ma' inizjattivi reġjonali u strateġiji tal-baċiri tal-baħar rilevanti oħrajn u għal dan il-għan JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovdi pjattaforma għal din id-diskussjoni, pereżempju fil-ġimgħa tal-istrateġiji makroreġjonali li jmiss fl-2021;
- (6) JIBQA' miftuħ għall-eżami ta' inizjattivi maqbula b'mod komuni ta' Stati Membri li qed iħabbtu wiċċhom mal-istess sfidi f'żona ġeografika definita, bil-għan li jiġu stabbiliti strateġiji makroreġjonali godda¹¹;
- (7) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex teżamina l-progress fl-oġettivi strateġiċi u operazzjonali deskritti hawn fuq fir-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE sa tmiem l-2022.
-

¹¹ Ara wkoll id-dok. 14926/13 + ADD 1 u d-dok. 9895/19.